Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1891/2004**

tal-21 ta' Ottubru 2004

li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija[merkanziji] suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanziji li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet

(ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1172/2007 tal-5 ta' Ottubru 2007	L 261	12	6.10.2007

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1891/2004

tal-21 ta' Ottubru 2004

li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija[merkanziji] suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanziji li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija[merkanziji] suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija[merkanziji] li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1383/2003 introduċa regoli komuni bil-għan li jipprojbixxi d-dħul, ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, il-ħruġ, l-esportazzjoni, ir-riesportazzjoni jew id-dħul għal proċedura ta' sospensjoni ta' oġġetti foloz u b'kuntrabandu u l-indirizzar b'mod effettiv tal-kummerċjalizzazzjoni illegali ta' tali oġġetti mingħajr ma tiġi mfixkla l-libertà tal-kummerċ leġittimu.

(2) Billi r-Regolament (KE) Nru 1383/2003 emenda u rrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3295/94 ([2]), huwa meħtieġ ukoll li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1367/95 tas-16 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3295/94 li jistabbilixxi l-miżuri li jipprojbixxu l-ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, l-esportazzjoni, ir-riesportazzjoni jew d-dħul ta' proċedura sospensiva fil-każ ta' oġġetti ffalsifikati jew ikkupjati, jiġi ssostitwit ([3]).

(3) Għat-tipi differenti ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, huwa meħtieġ li jiġu definiti l-persuni naturali u legali li jistgħu jirrappreżentaw lid-detentur ta' dritt jew lil kwalunkwe persuna oħra awtorizzata li tuża d-dritt.

(4) Jeħtieġ li tkun speċifikata n-natura tal-prova ta' detenzjoni tal-proprjetà intellettwali meħtieġa mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003.

(5) Sabiex il-kontenut u l-formoli tal-applikazzjonijiet għal azzjoni jkunu armonizzati u standardizzati skont l-Artikolu 5(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003 u l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fihom, għandha tiġi stabbilita verżjoni standardizzata tal-formola. Ir-rekwiżiti tal-lingwa għall-applikazzjonijiet għal azzjoni skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament għandhom jiġu stabbiliti wkoll.

(6) It-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għal azzjoni għandha tiġi speċifikata sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jagħrfu aktar malajr l-oġġetti li jistgħu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali.

(7) Jeħtieġ li jiġi definit it-tip ta' dikjarazzjoni tar-responsabbiltà ta' detentur ta' dritt li għandha takkompanja l-applikazzjoni għal azzjoni.

([1]) ĠU L 196, 2.8.2003, p. 7.
([2]) ĠU L 341, 30.12.1994, p. 8.
([3]) ĠU L 133, 17.6.1995, p. 2. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

▼B

(8) Fl-interessi taċ-ċertezza legali, jeħtieġ li jkun speċifikat meta jibdew il-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003.

(9) Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni effettiva tal-proċedura stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1383/2003, tfassal fil-perjodu ta' żmien stabbilit ir-rapport li hemm referenza għalih fl-Artikolu 23 tiegħu u tipprova tikkwantifika u tiddeskrivi l-modi ta' frodi. Dawn il-proċeduri għandhom jippermettu lill-Istati Membri jintroduċu analiżi tar-riskju xierqa.

(10) Dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli mill-istess data tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003.

(11) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-għanijiet tal-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003 (minn hawn 'il quddiem "Regolament Bażiku"), id-detentur tad-dritt jew kwalunkwe persuna oħra awtorizzata li tuża d-dritt jista' jkun irrappreżentat minn persuni naturali jew legali; dawn tal-aħħar jinkludu aġenziji ta' ġbir li bħala l-għan waħdieni u prinċipali tagħhom għandhom il-ġestjoni jew l-amministrazzjoni ta' copyrights jew ta' drittijiet relatati, gruppi jew rappreżentanti li jkunu bagħtu applikazzjoni għal reġistrazzjoni għal denominazzjoni ta' oriġini protetta jew għal indikazzjoni ġeografika protetta kif ukoll għal kabbara tal-pjanti.

Artikolu 2

1. Jekk applikazzjoni għal azzjoni skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Bażiku tiġi sottomessa mid-detentur tad-dritt innifsu, il-prova li għaliha hemm provdut fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5) għandha tkun kif ġej:

(a) Fil-każ ta' dritt li jkun ġie reġistrat jew li għalih tkun iddaħħlet applikazzjoni, prova tar-reġistrazzjoni mal-uffiċċju relevanti jew prova tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, Għal denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, il-prova għandha tkun tikkonsisti f'żewġ elementi mandatorji: prova li l-persuna konċernata hija l-produttur jew grupp u prova li d-denominazzjoni jew l-indikazzjoni ġiet irreġistrata. Dan il-paragrafu għandu japplika *mutatis mutandis* għall-inbejjed u x-xorb alkoħoliku.

(b) Fil-każ ta' copyright, dritt relatat jew dritt ta' disinn li ma jkunx irreġistrat jew li għalih ma tkunx iddaħħlet applikazzjoni: kwalunkwe evidenza ta' detenzjoni jew tal-istatus tal-applikant bħala d-detentur oriġinali.

Kopja tar-reġistrazzjoni mid-database ta' uffiċċju nazzjonali jew internazzjonali tista', skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, titqies bħala prova fi ħdan it-tifsira tal-ewwel sentenza ta' (a) fuq.

2. Fejn l-applikazzjoni għal azzjoni ssir minn kwalunkwe persuna oħra awtorizzata sabiex tuża wieħed mid-drittijiet li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-prova għandha tkun, barra mill-prova meħtieġa skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dokument li bis-saħħa tiegħu, il-persuna hija awtorizzata li tuża d-dritt imsemmi.

3. Fejn l-applikazzjoni għal azzjoni ssir minn rappreżentant tad-detentur ta' dritt jew ta' xi persuna oħra awtorizzata sabiex tuża wieħed mid-drittijiet li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2(2)(a) u (b) tar-Rego-

▼B

lament bażiku, il-prova għandha tkun, barra mill-prova meħtieġa skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorizzazzjoni tiegħu li jaġixxi.

Għandu jipproduċi wkoll id-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6 tar-Regolament Bażiku iffirmat mid-detentur tad-dritt li hemm referenza għalih fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm huwa ma jurix dokument li jawtorizzah iġarrab kwalunkwe spiża li tirriżulta minn azzjoni doganali f'isimha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Bażiku.

Artikolu 3

1. Id-dokumenti li fuqhom huma magħmulin l-applikazzjonijiet għal azzjoni skont l-Artikolu 5(1) u (4) tar-Regolament Bażiku, id-deċiżjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(7) u (8) dwar l-għoti ta' applikazzjonijiet u d-dikjarazzjoni li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 6 tar-Regolament Bażiku għandhom jikkonformaw mal-formoli annessi għal dan ir-Regolament.

Il-formoli għandhom jimtlew b'mezz elettroniku jew mekkaniku, jew b'kitba bl-id li tinqara; formoli mimlijin bl-id għandhom jimtlew b'inka u b'ittri kapitali mhux bil-magħqud. Ikun xi jkun il-metodu użat, il-formoli ma għandu jkun fihom ebda tħassir, kliem miktub fuq ieħor jew tibdil. Fejn il-formola timtela b'mod elettroniku, din għandha tkun magħmula disponibbli lill-applikant f'forma diġitali fuq sit pubbliku wieħed jew aktar li jkun(u) aċċessibbli direttament b'kompjuter. Sussegwentament, din tkun tista' tiġi riprodotta fuq apparat ta' stampar privat.

Meta jkun hemm folji addizzjonali mehmużin, kif hemm referenza għalihom fil-kaxex 8, 9, 10 u 11 tal-formola li fuqha ssir l-applikazzjoni għal azzjoni li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 5(1), jew fil-kaxex 7, 8, 9 u 10 tal-formola li fuqha ssir it-talba għal azzjoni li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 5(4), dawn għandhom jitqiesu bħala parti integrali tal-formola.

2. Formoli għal applikazzjonijiet għal azzjoni skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament Bażiku għandhom jiġu stampati u mimlijin f'waħda millingwi uffiċjali tal-Komunità magħżula mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal azzjoni flimkien ma' kwalunkwe traduzzjoni li jista' jkun hemm bżonn.

3. Il-formola għandha tkun magħmula minn żewġ kopji:

(a) kopja 1, għall-Istat Membru li fih tiġi sottomessa l-applikazzjoni;

(b) kopja 2, għad-detentur tad-dritt.

Formoli għal applikazzjonijiet għal azzjoni skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament Bażiku, mimlijin u ffirmati kif dovut, akkompanjati b'silta waħda tal-formola għal kull Stat Membru indikat fil-kaxxa 6 tal-formola, il-prova li hemm referenza għaliha fil-kaxex 9 u 10 u l-informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-kaxex 7 u 8, għandhom jiġu ppreżentati lid-dipartiment doganali kompetenti, li, wara li jaċċetta l-formola, għandu jżommha għal mill-inqas sena aktar mill-perjodu ta' validità legali tagħha.

Jekk is-silta ta' deċiżjoni li tagħti applikazzjoni għal azzjoni hija indirizzata lil Stat Membru wieħed jew aktar skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament Bażiku, l-Istat Membru li jirċievi s-silta għandu jimla bla telf ta' żmien il-parti tal-"għarfien ta' rċevuta" tal-formola billi jindika d-data ta' rċevuta u għandu jrodd lura kopja tas-silta lill-awtorità kompetenti indikata fil-kaxxa 2 tal-formola.

Filwaqt li l-applikazzjoni tiegħu għal azzjoni Komunitarja tibqa' waħda valida, id-detentur ta' dritt jista' jippreżenta talba fl-Istat Membru fejn l-applikazzjoni tkun ġiet sottomessa oriġinarjament għal azzjoni sabiex tittieħed fi Stat Membru ieħor mhux imsemmi qabel. F'dak il-każ, il-perjodu ta' validità tal-applikazzjoni l-ġdida għandu jkun il-perjodu li

▼B

jifdal skont l-applikazzjoni oriġinali, u dan jista' jiġġedded skont il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-applikazzjoni oriġinali.

Artikolu 4

Għall-għanijiet tal-Artikolu 5(6) tar-Regolament Bażiku, il-post ta' manifattura jew ta' produzzjoni, in-netwerk tad-distribuzzjoni jew l-ismijiet tad-detentur tal-liċenzja u informazzjoni oħra tista' tintalab mid-dipartiment responsabbli għall-ilqugħ u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal azzjoni sabiex tkun iffaċilitata l-analiżi teknika tal-prodotti konċernati.

Artikolu 5

Jekk applikazzjoni għal azzjoni tiġi sottomessa skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Bażiku qabel jiskadi l-limitu ta' żmien ta' tliet ijiem xogħol u din tiġi aċċettata mis-servizz doganali għal dan il-għan, il-limiti ta' żmien li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 11 u 13 ta' dak ir-Regolament għandhom jingħaddu biss mill-jum ta' wara li tiġi rċevuta l-applikazzjoni.

Jekk id-dwana tinforma lid-dikjarant jew lid-detentur ta' oġġetti skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Bażiku li hemm suspett li l-oġġetti jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali u li dawn ikunu nżammu, jew inkella r-rilaxx tagħhom ġie sospiż, il-limitu ta' żmien ta' tliet ijiem xogħol għandu jingħadd biss minn meta d-detentur tad-dritt ikun ġie innotifikat.

Artikolu 6

Fil-każ ta' oġġetti li jeħżienu maż-żmien, il-proċedura għal sospensjoni ta' rilaxx jew għaż-żamma ta' oġġetti għandha tinbeda primarjament fir-rigward ta' prodotti li għalihom tkun diġà ġiet sottomessa applikazzjoni għal azzjoni.

Artikolu 7

1. Fejn l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku ikun applikabbli, id-detentur ta' dritt għandu jinnotifika lill-klijenti li l-proċeduri jkunu nbdew sabiex ikun jista' jistabbilixxi jekk dritt ta' proprjetà intellettwali jkunx inkiser skont il-liġi nazzjonali. Jekk ma jkunx għad baqa' biżżejjed żmien sabiex issir applikazzjoni għal tali proċeduri qabel jiskadi l-limitu ta' żmien, is-sitwazzjoni tista', għajr fil-każ ta' oġġetti li jeħżienu maż-żmien, titqies bħala każ xieraq skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Bażiku.

2. Jekk estensjoni ta' għaxar t'ijiem xogħol tkun diġà ngħatat skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Bażiku, ebda estensjoni ulterjuri ma tista' tingħata skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku.

Artikolu 8

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr bid-dipartiment doganali kompetenti, li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Bażiku, responsabbli sabiex jirċievi u jipproċessa applikazzjonijiet għal azzjoni mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

2. Fi tmiem kull sena kalendarja, kull Stat Membru għandu jissottometti lista tal-applikazzjonijiet għal azzjoni bil-miktub kollha lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(1) u (4) tar-Regolament Bażiku, filwaqt li jagħti l-isem u d-dettalji ta' kull detentur ta' dritt, it-tip ta' dritt li għalih ġiet sottomessa kull applikazzjoni, u deskrizzjoni fil-qosor ta' kull prodott konċernat. L-applikazzjonijiet li ma jkunux ingħataw għandhom jiġu inklużi fil-lista.

▼B

3. Fix-xahar ta' wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' tliet xhur, kull Stat Membru għandu jissottometti lista lill-Kummissjoni, skont it-tip ta' prodott, li tagħti informazzjoni dettaljata dwar il-każijiet li fihom ir-rilaxx tal-oġġetti jkun ġie sospiż jew li fihom l-oġġetti jkunu nżammu. L-informazzjoni li ġejja jeħtieġ li tiġi inkluża:

(a) l-isem tad-detentur ta' dritt; deskrizzjoni tal-oġġetti; jekk magħrufin, l-oriġini, il-provenjenza u d-destinazzjoni tal-oġġetti; l-isem tad-dritt tal-proprjetà intellettwali miksur, u

(b) għal kull entrata, il-kwantità ta' oġġetti li r-rilaxx tagħhom ġie sospiż jew li nżammu; l-istatus doganali tagħhom; it-tip ta' dritt ta' proprjetà intellettwali miksur; il-mezz ta' trasport użat, u

(c) jekk intużax trasport kummerċjali jew tal-passiġġieri; jekk il-proċedura inbdietx bħala riżultat ta' applikazzjoni għal azzjoni jew "ex officio".

4. Is-sottomissjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri ta' informazzjoni dwar il-valur reali jew stmat tal-oġġetti li r-rilaxx tagħhom kien ġie sospiż jew li nżammu hija fakultattiva.

5. Fi tmiem kull sena, il-Kummissjoni għandha, b'mod xieraq, tikkomunika lill-Istati Membri kollha tali informazjoni li tirċievi skont il-paragrafi 1 sa 4.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' dipartimenti fi ħdan l-awtorità doganali, kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Bażiku, fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 9

Applikazzjonijiet għal azzjoni mibgħuta wara l-1 ta' Lulju 2004 għandhom jibqgħu validi sad-data ta' skadenza legali tagħhom u ma għandhomx jiġġeddu. Wara l-1 ta' Lulju 2004, għandhom ikunu akkompanjati mid-dikjarazzjoni proposta mill-applikant kif muri fl-Anness.

Id-dikjarazzjoni proposta għandha tirrilaxxa kwalunkwe depożitu u dritt pagabbli fl-Istati Membri. Fejn proċedura li tkun inbdiet qabel l-1 ta' Lulju 2004 tkun għadha għaddejja quddiem l-awtoritajiet kompetenti, id-depożitu ma jiġix rilaxxat qabel ma tkun intemmet il-proċedura.

Artikolu 10

Ir-Regolament (KE) Nru 1376/95 huwa revokat b'effett mill-1 ta' Lulju 2004. Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jitqiesu bħala li jirreferu għal dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

APPLIKAZZJONI GĦAL AZZJONI (AA) NAZZJONALI

1. **Data ta' rċevuta tal-applikazzjoni għal azzjoni mid-dipartiment tad-dwana partikolari (skont it-tifsira tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) 1383/2003)**

JJ/XX/SS: .../.../...

DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

APPLIKAZZJONI GĦAL AZZJONI MILL-AWTORITAJIET DOGANALI

Skont l-Artikolu 5(1) tar-Reg. (KE) Nru 1383/2003

3. **Dettalji tal-applikant (jiġifieri tad-detentur tad-dritt skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) 1383/2003)**

ISEM: .....

KARIGA: .....

INDIRIZZ: .....

BELT/RAĦAL: .....

KODIĊI POSTALI: .....

PAJJIŻ: .....

NRU TAL-VAT: .....

TEL.: .....

MOWBAJL: .....

FEKS: .....

POSTA ELETTRONIKA: .....

INDIRIZZ TAL-INTERNET: .....

2. **Isem u indirizz tal-awtorità kompetenti li lilha tkun saret l-applikazzjoni**►(1) ——— ◄**:**

4. **Status tal-applikant (skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) 1383/2003** (1)**):**

☐ Detentur tad-dritt (*)

☐ Rappreżentant tad-detentur tad-dritt (*)

☐ Utent awtorizzat għad-dritt (*)

☐ Rappreżentant tal-utent awtorizzat għad-dritt (*)

5. **Tip ta' dritt li għalih tirreferi l-applikazzjoni** (1)**:**

☐ Trademark ☐ Dritt ta' disinn ☐ Drittijiet tal-awtur jew dritt relatat ☐ Brevett

☐ Ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari ☐ Denominazzjoni tal-oriġini protetta ☐ Indikazzjoni ġeografika protetta

☐ Dritt għall-varjetà tal-pjanta

☐ Denominazzjonijiet ġeografiċi għal xorb alkoħoliku (2)

6. **Isem u indirizz tal-persuna ta' kuntatt (kwistjonijiet amministrattivi):**

.....

TEL.: .....

FEKS: .....

POSTA ELETTRONIKA: .....

MOWBAJL: .....

INDIRIZZ TAL-INTERNET: .....

7. **Isem u indirizz tal-persuna ta' kuntatt (kwistjonijiet tekniċi):**

.....

TEL.: .....

FEKS: .....

POSTA ELETTRONIKA: .....

MOWBAJL: .....

INDIRIZZ TAL-INTERNET: .....

►(1) M1

▼B

8. **Qed nehmeż dejta essenzjali fuq l-oġġetti awtentiċi:**

Numru ta' dokumenti mehmużin (3) ☐

Numru ta' ritratti mehmużin (3) ☐

9. **Qed nehmeż informazzjoni speċifika dwar it-tip jew il-mod ta' frodi:**

Numru ta' dokumenti mehmużin (3) ☐

Numru ta' ritratti mehmużin (3) ☐

10. **Qed nehmeż dokument(i) li jattesta(w) il-fatt li l-applikant huwa d-detentur tad-dritt għall-oġġetti msemmija skont it-tifsira tal-Artikolu 2.2 tar-Regolament (KE) 1383/2003** (**):

Numru ta' dokumenti mehmużin (3) ☐

11. **Qed nehmeż l-impenn stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1383/2003, li bih nassumi r-responsabbiltà fis-sitwazzjonijiet deskritti f'dak l-Artikolu** (**):

Impenn mehmuż: ☐

12. Kwalunkwe informazzjoni oħra fil-pussess tad-detentur tad-dritt, eż.:

— Pajjiż jew pajjiżi ta' produzzjoni: Numru ta' dokumenti mehmużin (4): ☐

— Rotot użati mit-traffikanti: Numru ta' dokumenti mehmużin (4): ☐

— Differenzi tekniċi bejn l-oġġetti awtentiċi u l-oġġetti li jkun hemm suspett fuqhom: Numru ta' dokumenti mehmużin (4): ☐

— Intestatura tat-tariffa fl-NM:

— Informazzjoni utli oħra: Numru ta' dokumenti mehmużin (4): ☐

13. **Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:**

Data li fiha mtliet	Post	Firma u timbru tal-applikant (***)
JJ/XX/SS .../.../...	.....	.....

▼B

14. **Deċiżjoni mill-awtoritajiet doganali (skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) u (8) tar-Regolament (KE) 1383/2003)**

☐ L-applikazzjoni ġiet approvata Reġistr. Numru ta' AA: .....

Data	Post	Firma u timbru
JJ/XX/SS: .../.../...	.....	.....

☐ L-applikazzjoni hija valida sa: …/…/… Kull talba għal estensjoni tal-perjodu ta' validità għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti ta' Kaxxa 2, għall-inqas 30 ġurnata xogħol qabel ma tiskadi l-validità tal-applikazzjoni.

☐ L-applikazzjoni ġiet rifjutata

Deċiżjoni raġunata li tiddikjara r-raġunijiet għal rifjut u informazzjoni dwar il-proċedura ta' appell huma mehmużin.

Data	Post	Firma u timbru
JJ/XX/SS: .../.../...	.....	.....

(*) Ara l-kaxxa 10 (għal aktar informazzjoni ara "Noti dwar il-mili", Anness I-A).
(**) Għal aktar informazzjoni ara "Noti dwar il-mili", Anness I-A.
(***) Jekk l-applikant huwa rappreżentant tad-detentur ta' dritt, huwa għandu jipprovdi prova li huwa awtorizzat li jirrappreżenta lid-detentur tad-dritt.
(1) Immarka l-kaxxa adegwata/kaxex adegwati.
(2) Reg. KEE Nru 1576/89.
(3) Daħħal in-numru relevanti; jekk ma jkun hemm xejn mehmuż, daħħal 0.
(4) Daħħal in-numru relevanti; jekk xejn ma jkun mehmuż, daħħal 0.

▼B

ANNESS I-A

NOTI GĦALL-IKKOMPLETAR TAL-FORMOLA

I. INFORMAZZJONI OBBLIGATORJA DWAR ID-DRITTIJIET U L-KAPAĊITÀ GĦALL-AZZJONI

a) Fejn id-detentur tad-dritt jagħmel l-applikazzjoni huwa stess:

— fil-każ ta' dritt li jkun ġie reġistrat jew li għalih tkun iddaħħlet applikazzjoni, prova tar-reġistrazzjoni mal-uffiċċju relevanti jew tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni,

— fil-każ ta' copyright, dritt relatat jew dritt għal disinn li ma jkunx irreġistrat jew li għalih ma tkunx iddaħħlet applikazzjoni, kwalunkwe evidenza ta' awtur jew tal-istatus tiegħu bħala d-detentur oriġinali;

b) Fejn l-applikazzjoni ssir minn kwalunkwe persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2 (2) (b) awtorizzata sabiex tuża wieħed mid-drittijiet li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2 (1) (a,b,c) tar-Regolament bażiku, barra mill-prova meħtieġa skont punt (a) ta' dan l-Artikolu, id-dokument li bis-saħħa tiegħu, il-persuna hija awtorizzata tuża d-dritt imsemmi;

c) Fejn iressaq l-applikazzjoni rappreżentant tad-detentur jew ta' kwalunkwe persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2 (2) (a,b) awtorizzata sabiex tuża wieħed mid-drittijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 (1) (a,b,c) tar-Regolament bażiku, barra mill-prova meħtieġa skont punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu, prova tal-awtorizzazzjoni għal azzjoni;

Il-persuna, fiżika jew ġuridika, li timla kaxxa 3 tal-Applikazzjoni għal azzjoni għandha, fil-każijiet kollha, tkun waħda li tipprovdi d-dokumenti stabbiliti fil-kaxxa 11 tal-Applikazzjoni għal azzjoni;

d) Kaxxa 5 fiha l-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha. Denominazzjoni protetta tal-oriġini protetta (DPO) u indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) tfisser l-indikazzjonijiet uffiċjali skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1), (KE) Nru 1107/96 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1) u (KEE) Nru 2400/96 (ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11). Denominazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid tfisser id-denominazzjonijiet uffiċjali skont ir-Regolament (KE) Nru 1493/99. Denominazzjonijiet ġeografiċi għal xorb alkoħoliku tfisser id-denominazzjonijiet uffiċjali skont ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89. Produtturi individwali kif ukoll gruppi u r-rappreżentanti tagħhom huma intitolati jdaħħlu applikazzjoni;

e) Reġistrazzjoni u speċifikazzjonijiet huma meħtieġa meta ssir applikazzjoni: għal denominazzjoni ta' oriġini protetta u għal indikazzjoni ġeografika protetta.

II. X'GĦANDU JKUN FIHA L-APPLIKAZZJONI GĦAL AZZJONI?

Applikazzjoni għal azzjoni tista' tintuża mid-detentur tad-dritt, bla ħlas, jew bħala miżura preventiva jew fejn ikollu raġuni sabiex jaħseb li d-dritt jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali tiegħu inkisru jew jistgħu jinkisru. L-applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-oġġetti msemmija jkunu magħmulin jintgħarfu minnufih mill-awtoritajiet doganali, u b'mod partikolari:

— deskrizzjoni teknika preċiża u dettaljata tal-oġġetti,

— kwalunkwe informazzjoni speċifika li d-detentur ta' dritt jista' jkollu dwar it-tip jew mod ta' frodi,

— l-isem u l-indirizz tal-persuna ta' kuntatt maħtura mid-detentur ta' dritt,

— l-impenn meħtieġ mill-applikant skont l-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku u l-prova li l-applikant għandu d-dritt għall-oġġetti msemmija,

— Id-detenturi ta' dritt għandhom b'mod imperattiv jirritornaw il-prova tal-irċevuta tan-notifikazzjoni li kienet indirizzata lilhom mis-servizz Doganali, skont l-Artikoli 4 (ex-officio) u 9. Dan għandu jsir minnufih wara li jkunu rċevew din in-notifikazzjoni. Id-dati perentorji legali (3 ijiem xogħol — 10 ijiem xogħol) jibdew mill-mument tal-irċevuta tan-notifikazzjoni. Huwa imperattiv li d-detentur tad-dritt, malli jiġi kkuntattjat mill-awtoritajiet Doganali, jikkonferma minnufih l-irċevuta tan-notifikazzjoni,

▼B

— Skont it-tifsira tar-regolament bażiku “jum ta’ ħidma” (ref. għar-regolament 1182/71 (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1)) huwa kkunsidrat kull jum għajr btajjel pubbliċi, Sibtijiet u Ħdud. Barra minn hekk, il-kalkolazzjoni tal-jiem ta’ ħidma kif inklużi fl-Artikoli 4 u 13, għandha ssir filwaqt li jitqies il-fatt li l-jum tal-irċevuta tan-notifikazzjoni ma jkunx inkluż. Id-dati perentorji li għandhom jitqiesu skont it-tifsira tar-regolament bażiku jibdew għalhekk mill-jum ta’ wara l-irċevuta tan-notifikazzjoni.

L-applikazzjoni għal azzjoni tista’ tiġi ppreżentata b’mod elettroniku jekk ikun hemm disponibbli sistema elettronika ta’ skambju ta’ dejta. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-formola għandha timtela permezz ta’ mezz mekkaniku jew b’kitba bl-id li tinqara u ma għandux ikun fiha tħassir jew kitba fuq oħra.

III. KIF IDDAĦĦAL APPLIKAZZJONI GĦAL AZZJONI

Id-detentur ta’ dritt għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għal azzjoni lill-uffiċċju relevanti li hemm referenza għalih fil-Kaxxa 2 tal-formola. Malli jirċievi l-applikazzjoni, l-uffiċċju doganali kompetenti jipproċessaha u jinnotifika lill-applikant bil-miktub bid-deċiżjoni tiegħu fi żmien 30 jum ta’ xogħol. Jekk l-uffiċċju jirrifjuta l-applikazzjoni b’deċiżjoni raġunata, l-applikant għandu d-dritt li jappella. Il-perjodu li matulu l-awtoritajiet doganali jieħdu azzjoni huwa stabbilit għal sena waħda li tiġġedded annwalment.

IV. SPJEGI TAL-KAXEX PRINĊIPALI LI GĦANDHOM JIMTLEW MILL-APPLIKANT

Kaxxa 3: Isem, indirizz u kariga tal-applikant. Skont l-Artikolu 2(2), l-applikant jista’ jkun id-detentur ta’ dritt huwa nnifsu, persuna awtorizzata li tuża d-dritt ta’ proprjetà intellettwali jew rappreżentant maħtur.

Kaxxa 4: Status tal-applikant. Immarka l-kaxxa adegwata.

Kaxxa 5: Tip ta’ dritt ikkonċernat mill-applikazzjoni għal azzjoni. Immarka l-kaxxa adegwata.

Kaxex 6 u 7: Id-dettalji ta’ kuntatt għall-persuna ta’ kuntatt tal-applikant li jkollha x’taqsam ma’ kwistjonijiet amministrattivi għandhom jiddaħħlu fil-Kaxxa 6. Kaxxa 7 hija għad-dettalji ta’ kuntatt tal-persuna li tkun responsabbli sabiex tiltaqa’ mal-awtoritajiet doganali sabiex tiddiskuti dettalji tekniċi tal-oġġetti miżmuma. Il-persuna konċernata għandha tkun tista’ tintlaħaq faċilment fi żmien qasir.

Kaxex 8-9-12: Kaxxa 8 hija għal informazzjoni speċifika u preċiża li tippermetti lill-awtoritajiet doganali jidentifikaw l-oġġetti awtentiċi b’mod korrett u għal kwalunkwe informazzjoni li jista’ jkollu d-detentur tad-dritt fir-rigward tat-tip jew tal-mod tal-frodi (dokumenti, ritratti eċċ.).

L-informazzjoni għandha tkun iddettaljata kemm jista’ jkun sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jidentifikaw kunsinni suspettati b’mod sempliċi u effikaċi permezz ta’ prinċipji ta’ analiżi tar-riskji.

Tipi varji ta’ informazzjoni għandhom jiddaħħlu f’dawn il-kaxex sabiex tkun imtejba l-intelliġenza doganali fuq prodotti u modi ta’ frodi. Jistgħu jiġu pprovduti dettalji ta’ appoġġ addizzjonali bħal: il-valur qabel it-taxxa tal-oġġetti legali, il-post tal-oġġetti jew id-destinazzjoni maħsuba tagħhom, dettalji li jidentifikaw il-kunsinna jew il-pakketti, il-wasla skedata tagħhom jew id-data ta’ tluq tal-oġġetti, il-mezz ta’ trasport użat, l-identità tal-importatur, esportatur jew detentur.

Kaxxa 11: Il-persuna, fiżika jew morali, li timla kaxxa 3 tal-Applikazzjoni għal azzjoni għandha, fil-każijiet kollha, tkun waħda li tipprovdi d-dokumenti stabbiliti fil-kaxxa 11 tal-Applikazzjoni għal azzjoni.

Kaxxa 13: Billi jiffirma din il-kaxxa, id-detentur ta’ dritt jiċċertifika li huwa jaċċetta t-termini tar-Regolament u l-obbligi tiegħu.

▼B

ANNESS I-B

DIKJARAZZJONI SKONT L-ARTIKOLU 6 TAR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) 1383/2003

Jiena, is-sottoskritt …

detentur ta' dritt, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (minn hawn iżjed 'il quddiem "ir-Regolament bażiku", tad-drittijiet tal-proprjetajiet intellettwali iċċertifikati mid-dokumenti mehmużin, bil-preżenti nwiegħed skont l-Artikolu 6 tar-Regolament li nassumi r-responsabbiltà fir-rigward tal-persuni involuti f'sitwazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1(1) fil-każ li proċedura mibdija skont ir-Regolament preżenti titwaqqaf minħabba att jew ommissjoni min-naħa tiegħi jew fil-każ li l-oġġetti msemmija sussegwentament jinstabu li ma jiksrux dritt ta' proprjetà intellettwali.

— B'dan il-mezz inwiegħed li nħallas l-ispejjeż kollha mġarrba skont ir-Regolament bażiku billi nżomm oġġetti taħt il-kontroll tad-dwana skont l-Artikolu 9, u fejn applikabbli l-Artikolu 11, inkluż l-ispejjeż ikkawżati mill-qerda ta' oġġetti li jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali skont l-Artikolu 17.

— Nikkonferma li ħadt nota tal-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku u nwiegħed li ninnotifika lid-dipartiment indikat fl-Artikolu 5(2) bi kwalunkwe bidla għal jew telf tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tiegħi.

Magħmul fi … nhar, …/…/20…

.....

(Firma)

▼M1

———————

▼M1

ANNESS II

APPLIKAZZJONI GĦAL AZZJONI KOMUNITARJA

KOPJA GĦALL-ISTAT MEMBRU

1. **Data tal-wasla ta' l-applikazzjoni għal azzjoni għand is-servizz doganali kompetenti (skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003)**
JJ/XX/SS: …/…/…

3. **Dettalji ta' l-applikant (jiġifieri d-detentur tad-dritt skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003)** (*):
ISEM: .....
FUNZJONI: .....
INDIRIZZ: .....
LOKALITÀ: .....
KODIĊI POSTALI: .....
PAJJIŻ: .....
NRU TAL-VAT: .....
TEL.: .....
TEL. ĊELL: .....
FEKS: .....
POSTA ELETTRONIKA: .....
SIT INTERNET: .....

DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI
(MIŻURI INTRAKONFINI)

APPLIKAZZJONI GĦAL AZZJONI TA' L-AWTORITAJIET DOGANALI

skond l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003

2. **Isem u indirizz ta' l-awtorità kompetenti li lilha tintbagħat l-applikazzjoni:**

4. **Status ta' l-applikant (skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003)** ([1]):
☐ Detentur tad-dritt (*)
☐ Rappreżentant tad-detentur tad-dritt (*)
☐ Persuna awtorizzata li tuża d-dritt (*)
☐ Rappreżentant tal-persuna awtorizzata li tuża d-dritt (*)

5. **Tip ta' dritt li tirreferi għalih l-applikazzjoni:**
☐ Marka kummerċjali Komunitarja ([2]) ..... ☐ Dritt Komunitarju tad-dižinji ([3])
☐ Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni ([4])
☐ Indikazzjoni ġeografika protetta mill-Komunità ([5])
☐ Denominazzjoni protetta ta' l-oriġini mill-Komunità ([5])
☐ Dritt tal-Komunità tal-varjetajiet tal-pjanti protetti ([6])
☐ Denominazzjonijiet ġeografiċi għax-xorb spirituż ([7])

